2. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li, ħlief fil-każ ta' pakketti żgħar B tal-►M27 KE ◄, il-pakketti ma jerġgħux ikunu ssiġillati f'waħda jew aktar okkażjonijiet sakemm dan ma jsirx uffiċjalment ►M9 jew taħt is-superviżjoni uffiċjali ◄. Jekk il-pakketti jerġgħu jkunu magħluqa, il-fatt tas-siġillar mill-ġdid, id-data tas-siġillar mill-ġdid u l-awtorità responsabbli minn dan jitniżżlu fuq it-tikketta kif meħtieġ mill-Artikolu 10(1).

▼M9

3. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-pakketti żgħar B tal-►M27 KE ◄ jkunu ssiġillati b'tali mod li ma jistgħux jinfetħu mingħajr ma tinkiser is-sistema tas-siġillar jew iħallu evidenza li kien imbabas fuq it-tikketta jew fuq il-pakkett. Bi qbil mal-proċedura elenkata fl-Artikolu 21, jista' jkun stabbilit jekk sistema partikulari ta' siġillar tkunx taderixxi mad-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu. Il-pakketti ma jistgħux jerġgħu jkunu ssiġillati f'waħda jew aktar okkażjonijiet apparti milli taħt superviżjoni uffiċjali.

▼M28

_____

▼M7

Artikolu 10

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-pakketti taż-żerriegħa bażika, taż-żerriegħa ċċertifikata u taż-żerriegħa kummerċjali, apparti miż-żerriegħa ta' l-aħħar żewġ kategoriji tieħu l-forma ta' pakketti żgħar tal-►M27 KE ◄ B:

(a) ikunu ttikkettjati min-naħa ta' barra b'tikketta uffiċjali li ma tkunx intużat qabel, li tkun konformi mal-kondizzjonijiet elenkati fl-Anness IV (A) u li l-informazzjoni ta' fuqha tkun mogħtija f'waħda mill-lingwi uffiċjali tal-Komunità. Il-kulur tat-tikketta għandu jkun abjad għaż-żerriegħa bażika, ikħal għaż-żerriegħa ċċertifikata ta' l-ewwel ġenerazzjoni qabel iż-żerriegħa bażika, aħmar għall-ġenerazzjonijiet ta' wara u kannella għaż-żerriegħa kummerċjali. Meta tikketta b'toqba għal qafla tkun użata, it-twaħħil tagħha għandu jkun assigurat fil-każi kollha b'siġill uffiċjali. Jekk, fil-każi permezz ta' l-Artikolu 4 (a), iż-żerriegħa bażika jew iż-żerriegħa ċċertifikata ma jkunux konformi mal-kondizzjonijiet elenkati fl-Anness II rigward il-ġelbien, dan il-fatt għandu jkun iddikjarat fuq it-tikketta. L-użu tat-tikketti uffiċjali li jeħlu għandu jkun awtorizzat. Bi qbil mal-proċedura elenkata fl-Artikolu 21, l-istampar li ma jitħassarx taħt is-superviżjoni uffiċjali ta' l-informazzjoni preskritta fuq il-pakkett bi qbil mal-mudell tat-tikketta jista' jkun awtorizzat;

(b) ikun fihom dokument uffiċjali, bl-istess kulur tat-tikketta, li jipprovdi mill-inqas l-informazzjoni meħtieġa permezz ta' l-Anness IV (A) (I) (a), (3), (4) u (5) u, fil-każ taż-żerriegħa kummerċjali, permezz ta' (b), (2), (4) u (5). Dan id-dokument għandu jkun imħejji b'tali mod li ma jkunx imfixkel mat-tikketta uffiċjali li hemm referenza dwarha taħt (a). Dan id-dokument mhux meħtieġ jekk l-informazzjoni tkun stampata b'mod li ma titħassarx fuq il-pakkett jew jekk, bi qbil mad-dispożizzjonijiet taħt (a), it-tikketta li teħel jew it-tikketta magħmula minn materjal li ma jitqattax tkun użata.

▼M28

_____

▼M6

Artikolu 10a

1. L-Istati Membri jeħtieġu li pakketti żgħar B tal-►M27 KE ◄:

(a) ikollhom fuq in-naħa ta' barra bi qbil ma' l-Anness IV (B) tikketta tal-fornitur, avviż jew timbru stampat f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Komunità; fil-każ ta' pakketti trasparenti din it-tikketta tista' titqiegħed fuq ġewwa, sakemm tista' tinqara minn ġol-pakkett; fir-rigward tal-kulur tat-tikketta, l-Artikolu 10(1)(a) għandu jkun applikabbli;

(b) ikollhom fuq in-naħa ta' barra jew fuq it-tikketta tal-fornitur kif hemm provvediment dwar dan fis-subparagrafu (a), numru serjali assenjat uffiċjalment; jekk tintuża tikketta uffiċjali li teħel, l-Artikolu 10(1)(a) għandu jgħodd fir-rigward tal-kulur tagħha; il-metodi ta' kif jitwaħħal l-imsemmi numru serjali jista jkun stabbilit bi qbil mal-proċedura elenkata fl-Artikolu 21.

2. L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li t-tikketta uffiċjali li teħel li jkun fiha parti mill-informazzjoni preskritta fl-Anness IV(B) tkun użata biex timmarka l-pakketti żgħar B tal-►M27 KE ◄ ppakkjati fit-territorju tagħhom; sakemm l-informazzjoni li tingħata fuq din it-tikketta, l-immarkar li hemm provvediment dwaru fil-paragrafu 1(a) ma jkunx meħtieġ.

▼M28

Artikolu 10b

L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li, fuq talba, pakketti żgħar KE B taż-żerriegħa għandhom jiġu ssiġillati u mmarkati uffiċjalment jew taħt is-sorveljanza uffiċjali b'mod konformi ma' l-Artikolu 9(1) u ma' l-Artikolu 10.

▼M6

Artikolu 10ċ

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jassiguraw li, fil-każ ta' pakketti żgħar ta-żerriegħa, l-identità taż-żerriegħa tista' tkun iċċekkjata partikolarment fil-ħin meta l-lott taż-żerriegħa jkun mifrud. Għal dan il-għan jistgħu jeħtieġu li l-pakketti ż-żgħar mifruda fit-territorji tagħhom ikunu ssiġillati uffiċjalment jew taħt is-superviżjoni uffiċjali.

▼M30

Artikolu 10d

1. L-Istati Membri jistgħu, bħala deroga mill-Artikoli 8, 9 u 10, jipprovdu simplifikazzjoni tad-disposizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-apparat ta' għeluq u l-immarkar tal-pakketti fil-każ tal-kummerċ taż-żerriegħa tal-kategorija "żerriegħa ċċertifikata" fil-massa lejn il-konsumatur finali.

▼M30

2. Il-Kondizzjonijiet għall-applikazzjoni tad-deroga permezz tal-paragrafu 1 t'hawn fuq għandhom ikunu stabbiliti bi qbil mal-proċedura li hemm referenza dwarha fl-Artikolu 21(2).

Sakemm dawn il-miżuri jkunu adottati, il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/650/KE ([1]) għandhom ikunu applikabbli.

▼M28

Artikolu 11

1. B'mod konformi mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 21 jista' jiġi pprovdut li l-Istati Membri jkunu jistgħu jeħtieġu li, fil-każi għajr dawk ipprovvduti f'din id-Direttiva, il-pakketti taż-żerriegħa bażika, taż-żerriegħa ċċertifikata jew taż-żerriegħa kummerċjali għandhom iġorru t-tikketta tal-fornitur (li tista' tkun jew tikketta għaliha mit-tikketta uffiċjali jew li tieħu l-għamla tat-tagħrif tal-fornitur stampat fuq il-pakkett innifsu) jew il-lottijiet taż-żerriegħa li jkunu konformi mal-kondizzjonijiet speċjali li jirrigwardaw il-preżenza ta' l-Avena fatua, preskritti b'mod konformi mal-proċedura pprovduta fl-Artikolu 21, għandhom ikunu akkumpanjati b'ċertifikat uffiċjali li jattesta l-konformità ma' dawn il-kondizzjonijiet.

2. Il-partikolarijiet li jridu jiġu pprovduti f'kull tikketta minn dawn għandhom ukoll jiġu stabbiliti b'mod konformi mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 21.

Artikolu 11a

Fil-każ taż-żerriegħa ta' varjetà li tkun ġiet immodifikata ġenetikament, kull tikketta jew dokument, uffiċjali jew xorta oħra, li jitwaħħlu mal-lott taż-żerriegħa u li jakkumpanjawh, skond id-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva, għandhom jindikaw biċ-ċar li l-varjetà kienet immodifikata ġenetikament.

▼B

Artikolu 12

L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li kull trattament kimiku ta' żerriegħa bażika, żerriegħa ċċertifikata jew żerriegħa kummerċjali jkun innotat jew fuq it-tikketta uffiċjali jew fuq it-tikketta tal-fornitur u fuq il-kontenitur jew ġo fih.

▼M6

Artikolu 13

▼M28

_____

1. L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw li t-taħlitiet ta' ġenera (oriġinijiet), speċi jew varjetajiet varji jistgħu jinħarġu fis-suq:

— jekk ma tkunx intiża sabiex jintużaw bħala pjanti ta' l-għalf, f'liema każ it-taħlitiet jista' jkun fihom iż-żerriegħa tal-pjanti ta' l-għalf u ż-żerriegħa tal-pjanti li ma jkunux pjanti ta' l-għalf fit-tifsira ta' din id-Direttiva;

([1]) ĠU L 252, tat-28.9.1994, pġ. 15. Id-Deċiżjoni kif l-aħħar emendata permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/441/KE (ĠU L 176, tal-15.7.2000, pġ. 50).

▼**M28**

— jekk tkun intiża sabiex tintuża bħala pjanta ta' l-għalf, f'liema każ it-taħlita jista' jkollha l-ispeċi tal-pjanti elenkati fid-Dirtettivi 66/401/KEE, 66/402/KEE, 69/208/KEE jew 70/458/KEE, minbarra l-varjetajiet imsemmija fl-Artikolu 4(2)(a) tad-Direttiva 70/457/KEE;

— jekk tkun intiża sabiex tintuża għall-preservazzjoni ta' l-ambjent naturali fil-kuntest tal-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 22a(b), fil-każ tat-taħlitiet li jista' jkun fihom iż-żerriegħa tal-pjanti ta' l-għalf u ż-żerriegħa tal-pjanti li ma humiex pjanti ta' l-għalf fit-tifsira tad-Direttiva.

Fil-każi li hemm provvediment dwarhom fl-ewwel u t-tieni inċiżi, il-komponenti varji tat-taħlitiet, sa fejn u sa kemm jappartjenu għall-ispeċi tal-pjanti elenkati fid-Direttivi 66/401/KEE, 66/402/KEE, 69/208/KEE u 70/458/KEE, iridu jkunu konformi, qabel it-taħlit, mar-regolamenti tal-bejgħ fis-suq li japplikaw għalihom.

Il-kondizzjonijiet l-oħra, inklużi t-tikkettjar ta' l-approvazzjoni teknika tad-ditti li jipproduċu t-taħlitiet taż-żerriegħa, l-ispezzjoni tal-produzzjoni tat-taħlitiet, u l-kampjunar tal-lottijiet primarji ta' l-ingredjenti u tat-taħlitiet lesti, għandhom jiġu stabbiliti b'mod konformi mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 21.

Fil-każ tat-tielet inċiż, il-kondizzjonijiet li fuqhom dawn it-taħlitiet jistgħu jinbigħu fis-suq għandhom jiġu stabbiliti b'mod konformi mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 21.

▼**M6**

►**M28** 2. ◄ L-Artikoli 8, 9, 10b, 11 u 12 għandhom ikunu applikabbli, u, sakemm, iżda, it-tikketta hija ta' kulur aħdar, l-Artikoli 10 u 10a. Għal dan l-iskop, il-pakketti żgħar A tal-►**M27** KE ◄ jkunu kkunsidrati pakketti żgħar B tal-►**M27** KE ◄.

Iżda, għall-pakketti ż-żgħar A tal-►**M27** KE ◄, in-numru serjali assenjat uffiċjalment li hemm provvediment dwaru fil-paragrafu 1(b) ta' l-Artikolu 10(a) ma jkunx meħtieġ.

▼**M28**

_____

▼**M22**

Artikolu 13a

▼**M29**

Għall-iskop li jitfittxu alternattivi mtejba għal ċerti disposizzjonijiet iddikjarati f'din id-Direttiva, jista' jiġi deċiż li jiġu organizzati esperimenti temporanji permezz ta' kondizzjonijiet speċifikati fil-livell tal-Komunità b'mod konformi mad-disposizzjonijiet preskritti fl-Artikolu 21.

▼**M22**

Fil-qafas ta' dawn l-esperimenti, l-Istati Membri jistgħu jiġu meħlusa minn ċerti obbligazzjonijiet preskritti f'din id-Direttiva. Il-firxa ta' dan ir-rilaxx għandha tiġi definita b'riferenza għad-disposizzjonijiet li għalihom tapplika. It-tul taż-żmien tal-esperiment ma għandux jeċċedi s-seba' snin.

▼B

Artikolu 14

▼M28

1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li ż-żerriegħa li tinħareġ fis-suq skond id- dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, sewwa jekk mandatorji u sewwa jekk diskrezzjonarji, ma tkun soġġetta għall-ebda restrizzjonijiet rigward il-karatteristiċi tagħha, il-ħtiġiet ta' l-eżaminazzjoni, il-bejgħ fis-suq u s-siġillar għajr dawk preskritti f'din id-Direttiva jew f'kull Direttiva oħra.

▼A1

1a. Il-Kummissjoni tawtorizza skond il-proċedura ta' l-Artikolu 21 id-dħul fis-suq ta' żrieragħ ta' pjanti ta' l-għalf jew fit-territorju sħiħ jew inkella f'partijiet ta' Stat Membru wieħed jew iktar li dispożizzjonijiet iktar iebsa minn dawk previsti fl-Anness II jiġu mposti għal dak li jirrigwarda l-preżenza ta' qxur tal-ħafur jekk, dispożizzjonijiet bħalhom ikunu ġew applikati għall-produzzjoni tal-post u jekk kampanja biex jinqered il-ħafur tkun qed issir fl-agrikoltura taċ-ċereali tar-reġjun ikkonċernat.

▼M28

_____

Artikolu 14a

Il-kondizzjonijiet li fuqhom iż-żerriegħa mrobbija ta' ġenerazzjonijiet qabel iż-żerriegħa bażika tista' tinħareġ fis-suq skond l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 3a għandhom ikunu kif ġej:

(a) trid tkun spezzjonata uffiċjalment mill-awtorità kompetenti taċ-ċertifikazzjoni b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet li japplikaw għaċ-ċertifikazzjoni taż-żerriegħa bażika;

(b) trid tiġi ppakkjata b'mod konformi ma' din id-Direttiva; u

(ċ) il-pakketti jridu jġorru tikketta uffiċjali li tagħti għall-anqas il-partikolaritajiet li ġejjin:

— l-awtorità taċ-ċertifikazzjoni u l-Istat Membru jew l-abbrevjazzjoni li tiddistingwihom,

— in-numru tar-referenza tal-lott,

— ix-xahar u s-sena tas-siġillar tagħhom, jew

— ix-xahar u s-sena ta' l-aħħar kampjunar uffiċjali għall-għanijiet taċ-ċertifikazzjoni,

— l-ispeċi, indikata għall-anqas skond l-isem botaniku tagħha, li jista' jingħata f'għamla mqassra u mingħajr l-ismijiet ta' l-awturi, b'karattri Rumani,

▼**M28**

— il-varjetà, indikata għall-anqas b'karattri Rumani, id-deskrizzjoni żerriegħa ta' qabel dik bażika,

— in-numru tal-ġenerazzjonijiet li jkunu ġew qabel iż-żerriegħa tal-kategorija żerriegħa ċċertifikata, jew żerriegħa ċċertifikata ta' l-ewwel ġenerazzjoni.

— It-tikketta għandha tkun bajda b'linja dijagonali vjola.

L-Artikolu 15(2) għandu jkun mibdul b'dan li ġej.

▼**M22**

Artikolu 15

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li ż-żerriegħa tal-pitravi talgħalf

— li tkun ġiet prodotta direttament minn żerriegħa bażika jew minn żerriegħa ċertifikata, ċertifikati uffiċjalment jew fi Stat Membru wieħed jew aktar jew f'pajjiż terz li jkun ġie konċess l-ekwivalenza skond Artikolu 16 (1) (b), jew li tkun ġiet prodotta direttament mittaħlit tar-razez taż-żerriegħa bażika ċertifikata uffiċjalment fi Stat Membru maż-żerriegħa uffiċjalment iċertifikata f'dan il-pajjiż terz, u

— li tkun ġiet miġbura fi Stat Membru ieħor,

għandha, fuq talba u mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tad-Direttiva 70/457/KEE, tiġi ċertifikata uffiċjalment bħala żerriegħa ċertifikata f'kull Stat Membru jekk iż-żerriegħa tkun għaddiet minn spezzjoni fuq il-post li tissodisfa l-kondizzjonijiet preskritti f'Anness I għall-kategorija rilevanti u jekk l-eżaminazzjoni uffiċjali tkun wriet li jkunu ġew sodisfatti l-kondizzjonijiet preskritti f'Anness II għall-istess kategorija.

Meta f'dawn il-każi ż-żerriegħa tkun ġiet prodotta direttament minn żerriegħa ċertifikata uffiċjalment ta' ġenerazzjoni ta' qabel iż-żerriegħa bażika, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw ukoll iċ-ċertifikazzjoni uffiċjali bħala żerriegħa bażika, jekk jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet preskritti għal din il-kategorija.

▼**M28**

2. Tiġi ppakkjata u ttikkettjata b'tikketta uffiċjali li tissodisfa l-kondizzjonijiet preskritti fl-Anness V(A) u (B), b'mod konformi ma' l-Artikolu 9(1); u

— tkun akkumpanjata b'dokument uffiċjali li jissodisfa l-kondizzjonjiet preskritti fl-Anness V(C).

— Id-disposizzjonijiet fl-ewwel subparagrafu dwar l-ippakkjar u t-tikkettjar jistgħu jiġu rinunzjati għalihom jekk l-awtoritajiet responsabbli mill-ispezzjoni fuq il-post, dawk li jfasslu d-dokumenti għaċ-ċertifikazzjoni taż-żerriegħa li ma tkunx ġiet iċċertifikata definittivament u dawk responsabbli miċ-ċertifikazzjoni jkunu l-istess, jew jekk jiftiehmu dwar l-eżenzjoni.

jindikaw biċ-ċar li l-varjetà kienet ġiet immodifikata ġenetikament.

▼M33

3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu wkoll li ż-żerriegħa tal-pjanta ta' l-għalf maħsuda fi pajjiż terzi għandha, fuq talba, tiġi ċertifikata b'mod uffiċjali jekk:

(a) ġiet prodotta direttament minn:

(i) żerriegħa bażika jew żerriegħa ċertifikata b'mod uffiċjali fi Stat Membru wieħed jew iżjed jew f'pajjiż terz li ġie mogħti ekwivalenza taħt l-Artikolu 16(1)(b);

jew

(ii) it-taħlit ta' żerriegħa bażika ċertifikata b'mod uffiċjali fi Stat Membru ma' żerriegħa bażika ċertifikata b'mod uffiċjali f'pajjiż terz imsemmi fi (i);

(b) ġiet sottomessa għal spezzjoni fuq il-post li ssodisfat il-kondizzjonijiet stabbiliti f'deċiżjoni ta' ekwivalenza magħmula taħt l-Artikolu 16(1)(a) għall-kategorija rilevanti;

(ċ) eżaminazzjoni uffiċjali wriet li l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II għall-istess kategorija ġew sodisfatti.

▼B

Artikolu 16

1. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'kull maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jistabbilixxi jekk:

(a) fil-kaz ta' pajjiż terz li għalih hemm ipprovdut fl-Artikolu 15, l-ispezzjonijiet fuq il-lok fil-pajjiżi terzi jissodisfaw il-kondizzjonijiet fl-Anness I;

▼M33

(b) żerriegħa tal-pjanta ta' l-għalf maħsuda f'pajjiż terz u li għandha l-istess assigurazzjonijiet fir-rigward tal-karatteristiċi tagħha u l-arranġamenti għall-eżaminazzjoni tagħha, biex tiġi żgurata l-identità, għall-immarkar u għall-kontroll hi f'dawn l-aspetti ekwivalenti għal żerriegħa maħsuda fi ħdan il-Komunità u li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

▼B

2. ►M5 L-Istati Membri jistgħu huma nfushom jieħdu deċiżjonijiet permezz tal-paragrafu 1 li jikkonċernaw pajjiż terz, sakemm il-Kunsill ma jkunx għadu ħa xi deċiżjoni fir-rigward ta' dak il-pajjiż fil-qafas ta' din id-Direttiva. Dan id-dritt jiskadi fl-►M10 1 ta' Lulju 1978 ◄. ◄

▼M3

3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw ukoll fir-rigward ta' kull Stat Membru ġdid mid-data tad-dħul tiegħu sad-data li fiha huwa jdaħħal fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva.

▼M24

4. Paragraph 1 shall also apply to the territory of the former German Democratic Republic until 31 December 1991. Detailed rules for application may be adopted in accordance with the procedure laid down in Article 21.

▼M28

Artikolu 17

1. Sabiex titneħħa kull diffikulta temporanja fil-provvista taż-żerriegħa bażika, dik iċċertifikata jew dik kumerċjali li sseħħ fil-Komunità u li ma tistax tingħeleb xort' oħra, jista' jiġi deċiż b'mod konformi mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 21 li l-Istati Membri għandhom jippermettu, għal perjodu speċifikat taż-żmien, il-kummerċ fil-Komunità kollha fil-kwantitajiet meħtieġa sabiex jiġu solvuti d-diffikultajiet fil-provvista taż-żerriegħa tal-kategorija bla ħsara għal ħtiġiet aktar stringenti jew taż-żerriegħa tal-varjetà li ma tkunx imdaħħla fil-*Katalogu Komuni tal-Varjetajiet tal-Ispeċji tal-Pjanti Agrikoli* jew fil-katalogi nazzjonali tal-varjetajiet ta' l-Istati Membri.

2. Għal kategorija taż-żerriegħa ta' kull varjetà msemmija, it-tikketta uffiċjali għandha tkun dik li hemm provvediment dwarha għall-kategorija korrispondenti; għall-varjetajiet taż-żerriegħa mhux imdaħħla fil-katalogi msemmija hawn fuq, it-tikketta uffiċjali għandha tkun dik li hemm provvediment dwarha għaż-żerriegħa kummerċjali. It-tikketta għandha dejjem tiddikjara li ż-żerriegħa f'dak il-każ hija ta' kategorija li tissodisfa ħtiġiet anqas stringenti.

3. Ir-regoli sabiex jiġi applikat il-paragrafu 1 jistgħu jiġu adottati b'mod konformi mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 21.

▼B

Artikolu 18

Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal żerriegħa murija li tkun maħsuba għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi;

Artikolu 19

▼M28

1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-ispezzjonijiet uffiċjali jitwettqu f'dak li għandu x'jaqsam mal-kummerċ taż-żerriegħa tal-pjanti ta' l-għalf, għall-anqas b'kontrolli mingħajr ordni partikolari, sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-ħtiġiet u mal-kondizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

2. Mingħajr preġudizzju għaċ-ċaqliq ħieles taż-żerriegħa ġewwa l-Komunità, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex jassiguraw li jkunu forniti bil-partikolaritajiet li ġejjin matul il-kummerċ ta' kwantitajiet li jeċċedu ż-żewġ kilogrammi ta' żerriegħa importata minn pajjiżi terzi:

(a) l-ispeċi;

(b) il-varjetà;

(ċ) il-kategorija;

(d) il-pajjiż tal-produzzjoni u l-awtorità uffiċjali ta' l-ispezzjoni;

(e) il-pajjiż tal-kunsinja;

▼M28

(f) l-importatur;

(g) il-kwantità taż-żerriegħa.

Il-manjiera li fiha dawn il-partikolaritajiet għandhom ikunu ppreżentati tista' tiġi stabbilita b'mod konformi mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 21.

▼M31

Artikolu 20

1. Testijiet u provi komparattivi tal-Komunità għandhom jitwettqu fil-Komunità għall-kontroll ta' wara tal-kampjuni ta' żerriegħa tax-xtieli tal-magħlef imqiegħda fis-suq skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, sew jekk obbligatorji jew liberi, u jittieħdu matul it-teħid ta' kampjuni. It-testijiet u provi komparattivi jistgħu jinkludu dan li ġej:

— żerriegħa maqlugħa f'pajjiżi barranin,

— żerriegħa adatta għall-biedja organika,

— żerriegħa mqiegħda fis-suq relatata mal-konservazzjoni fil-post u l-użu sostenibbli ta' riżorsi ġenetiċi tax-xtieli.

2. Dawn it-testijiet u provi komparattivi għandhom jintużaw biex jagħmlu konformi l-metodi tekniċi ta' ħruġ ta' ċertifikati u biex jiċċekkjaw li jkunu skond il-kondizzjonijiet li magħhom iż-żerriegħa għandha tkun konformi.

3. Il-Kummissjoni, waqt li taġixxi skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 21, għandha tagħmel l-arranġamenti meħtieġa għat-testijiet u provi komparattivi li għandhom jitwettqu. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 21 dwar l-arranġamenti tekniċi biex isiru t-testijiet u l-provi u r-riżultati tagħhom.

4. Il-Komunità tista' tagħti kontribuzzjoni finanzjarja għat-twettiq tat-testijiet u provi previsti fil-paragrafi 1 u 2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mgħandhiex tkun aktar mis-somma ta' flus allokati mill-awtorità dwar il-*budget*.

5. It-testijiet u l-provi li jistgħu jibbenefikaw mill-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità, u regoli dettaljati għad-dispożizzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja, għandhom jiġu stabbiliti skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21.

6. It-testijiet u l-provi previsti fil-paragrafi 1 u 2 jistgħu jsiru biss mill-awtoritjiet jew persuni legali ta' l-Istat waqt li jaġixxu skond ir-responsabbiltà ta' l-Istat.

▼M30

Artikolu 21

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat Permanenti dwar iż-żrieragħ u l-Materjal ta' Propagazzjoni għall-Agrikoltura, l-Ortikultura u l-Forestrija stabbilit bl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 66/399/KEE (minn hawn 'il quddiem jissejjaħ "il-Kumitat").

▼M30

2. Fejn issir riferenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċitar tal-poteri ta' l-implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni ([1]) għandhom ikunu applikabbli.

Il-perjodu li hemm provvediment dwaru fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' xahar.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

▼M2

Artikolu 21a

▼M5

L-emendi li għandhom isiru fil-kuntest ta' l-Annessi fid-dawl ta' l-iżvilupp tat-tagħrif xjentifiku jew tekniku għandhom ikunu adottati bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21.

▼B

Artikolu 22

Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-liġijiet nazzjonali ġġustifikati fuq il-bażi tal-protezzjoni tas-saħħa u l-ħajja tal-bniedem, annimali jew pjanti jew għall-protezzjoni tal-proprjetà industrijali u kummerċjali.

▼M28

Artikolu 22a

1. Jistgħu jiġu stabbiliti kondizzjonijiet speċifiċi b'mod konformi mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 21 sabiex jitqiesu l-iżviluppi fl-oqsma ta':

(a) il-kondizzjonijiet li bihom tista' tinbiegħ fis-suq iż-żerriegħa li tkun ġiet ittrattata kimikament;

(b) il-kondizzjonijiet li bihom iż-żerriegħa tista' tinbiegħ fis-suq f'dak li għandhom x'jaqsmu l-konservazzjoni in situ u l-użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti, inklużi t-taħlitiet taż-żerriegħa ta' l-ispeċi li jistgħu jinkludu wkoll l-ispeċi elenkati fl-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 70/457/KEE, u li jkunu assoċjati ma' l-abitati speċifiċi naturali u l-abitat semi-naturali u li jkunu mhedda bit-tgħawwir (erożjoni) ġenetiku;

(ċ) il-kondizzjonijiet li bihom tista' tinbiegħ fis-suq iż-żerriegħa xierqa għall-produzzjoni organika.

2. Il-kondizzjonijiet speċifiċi li hemm referenza dwarhom fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu partikolarment il-punti li ġejjin:

(i) fil-każ ta' (b), iż-żerriegħa ta' dawn l-ispeċi għandha tkun ta' provenjenza magħrufa approvata mill-Awtorità xierqa f'kull wieħed mill-Istati Membri għall-kummerċ taż-żerriegħa f'żoni definiti;

(ii) fil-każ ta' (b), ir-restrizzjonjiet kwantitattivi xierqa.

([1]) ĠU L 184, tas-17.7.1999, pġ. 23.

▼B

Artikolu 23

L-Istati Membri għandhom, mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 1968, iġibu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti jew disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità mad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 14 (1) u, mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 1969, dawk meħtieġa biex jikkonformaw mad-disposizzjonijiet l-oħra ta' din id-Direttiva u ta' l-Annessi li jinsabu magħha. Għandhom javżaw minnufih b'dan lill-Kummissjoni.

▼M24

The Federal Republic of Germany is hereby authorized to comply, in respect of the territory of the former German Democratic Republic, with the following:

— Article 3 (1), in the case of:

  — seed harvested prior to German unification or after unification insofar as the seed production fields had been sown before that date,

  — other seed if it is certified in accordance with Article 2 (2);

— Article 8 (2), in the case of the restriction to "small quantities" for seed of *Pisum sativum* L. *(partim)* and *Vicia faba* L. *(partim);*

— Article 16, within the limits of the traditional trade flows and in response to the production needs of undertakings in the former German Democratic Republic,

at a date later than that referred to above, but not later than 31 December 1992 in respect of the third indent and not later than 31 December 1994 in respect of the other indents.

The Federal Republic of Germany shall ensure that seed in respect of which it applies this authorization, other than seed specified in the second sub-indent of the first indent, is not introduced into parts of the Community other than the territory of the former German Democratic Republic unless it is established that the provisions of this Directive are complied with.

▼M1

Artikolu 23a

Fuq l-applikazzjoni minn Stat Membru, li għandha tkun ittrattata kif hemm provvediment dwar dan fl-Artikolu 21, dak l-Istat jista' jkun imħolli għal kollox jew parzjalment mill-obbligazzjoni li japplika din id-Direttiva dwar ċerti speċi jekk iż-żerriegħa ta' dawk l-ispeċi ma tkunx normalment riprodotta jew mqiegħda fis-suq fit-territorju tiegħu.

▼B

Artikolu 24

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼M8

ANNESS I

IL-KONDIZZJONIJIET LI GĦANDHOM IKUNU ADERITI MILL-UĊUH TAR-RABA'

1. Il-ħsad ta' qabel ta' l-għalqa ma setax kien inkumpatibbli mal-produzzjoni taż-żerriegħa ta' l-ispeċi u l-varjetà ta' l-uċuh tar-raba', u l-għalqa għandha tkun ħielsa biżżejjed minn pjanti bħal dawn li huma voluntiera minn ħsad preċedenti.

2. L-uċuh tar-raba' għandhom ikunu konformi man-normi li ġejjin fejn għandhom x'jaqsmu distanzi minn sorsi qrib ta' trab dakkari li jista' jirriżulta fi traxxix ta' trab dakkari barrani li ma jkunx mixtieq:

Uċuh tar-raba'	Distanza minima
1	2
Brassica spp. ►**M22** , *Phacelia tanacetifolia* ◄:	
— għall-produzzjoni taż-żerriegħa bazika	400 m
— għall-produzzjoni taż-żerriegħa ċċertifikata	200 m
Speċi jew varjetajiet oħra għal *Brassica* spp., ►**M22** *Phacelia tanacetifolia*, ◄ ►**M11** *Pisum sativum* ◄, ►**M16** il-varjetajiet ta' Poa pratensis li hemm referenza dwarhom fit-tieni parti tat-tielet sentenza tal-paragrafu 4 ◄:	
— għall-produzzjoni taż-żerriegħa maħsuba għall-multiplikazzjoni, b'għelieqi li jaslu sa żewġ ettari	200 m
— għall-produzzjoni taż-żerriegħa maħsuba għal-multiplikazzjoni, b'għelieqi ta' aktar minn żewġ ettari	100 m
— għall-produzzjoni taż-żerriegħa maħsuba għall-produzzjoni ta' pjanti għall-għalf, b'għelieqi li jaslu sa żewġ ettari	100 m
— għall-produzzjoni taż-żerriegħa maħsuba għall-produzzjoni ta' pjanti għall-għalf, b'għelieqi li huma ta' aktar minn żewġ ettari	50 m

Dawn id-distanzi jistgħu jkunu injorati jekk ikun hemm protezzjoni biżżejjed minn kwalunkwe traxxix ta' trab dakkari barrani mhux mixtieq.

3. Il-pjanti ta' speċi oħrajn, li ż-żerriegħa tagħhom tkun diffiċli li tiddistingwiha miż-żrieragħ ta' l-uċuh tar-raba' f'test tal-laboratorju, għandhom ikunu f'livell baxx.

Partikolarment, l-uċuh tar-raba' ta' l-ispeċi tal-*lolium* ►**M25** jew x Festulolium ◄ għandhom ikunu konformi mal-kondizzjonijiet li ġejjin: in-numru ta' pjanti ta' l-ispeċi tal-*lolium* ►**M25** jew x Festulolium ◄ apparti milli għall-ispeċi ta' l-uċuh tar-raba' m'għandux jeċċedi:

— wieħed kull 50 m^2 għall-produzzjoni taż-żerriegħa bażika,

— wieħed kull 10 m^2 għall-produzzjoni taż-żerriegħa ċċertifikata.

4. L-uċuh tar-raba' għandhom ikollhom biżżejjed identità u purità varjetali. Partikolarment, l-uċuh tar-raba' ►**M14** apparti minn dawk tal-ispeċi *Pisum sativum,* ►**M15** *Vicia faba,* ◄ *Brassica napus var. napobrassica, Brassica oleracea convar. acephala* ►**M15** ———————— ◄, ►**M16** jew ta' *Poa pratensis* ◄ ◄ għandhom ikunu konformi man-normi li ġejjin: in-numru ta' pjanti ta' l-ispeċi ta' l-uċuh tar-raba' li huma identifikabbli bħala li ovvjament mhumiex veri għal varjetà m'għandhomx jeċċedu:

— wieħed kull 30 m^2 għall-produzzjoni taż-żerriegħa bażika,

— wieħed kull 10 m^2 għall-produzzjoni taż-żerriegħa ċċertifikata.

▼M16

Fil-każ tal-*Poa pratensis*, in-numru ta' pjanti ta' l-ispeċi ta' l-uċuħ li jintgħarfu bħala li ovvjament ma jkunux jappartienu għall-varjetà m'għandux jeċċedi:

— wieħed kull 20 m^2 għall-produzzjoni taż-żerriegħa bażika,

— erbgħa kull 10 m^2 għall-produzzjoni taż-żerriegħa ċċertifikata;

Madankollu, fil-każ tal-varjetajiet li jkunu uffiċjalment ikklassifikati bħala "varjetajiet apomiktiċi uniklonali" permezz tal-proċeduri mifthiema, in-numru ta' pjanti li jintagħrfu bħala li jkunu jappartienu għall-varjetà, li ma jeċċedux sitta kull 10 m, jista jitqies bħala li jissodisfa n-normi msemmija qabel għall-prodotti taż-żerriegħa ċċertifikata.

Ma' l-applikazzjoni, l-Istati Membri jistgħu ikunu awtorizzati, bi qbil malproċedura stabbilita fl-Artikolu 21, li jwettqu estimi tas-sodisfazzjon tannormi tal-purità tal-varjeta fil-każ ta' l-uċuħ ta' *Poa pratensis* li jkunu jappartienu għal dawn il-varjetajiet mhux biss fuq il-bażi tar-riżultati ta' l-ispezzjoni fuq il-post imwettqa bi qbil mal-paragrafu 6 ta' l-Anness I, fejn ikun hemm xiehda li konformità man-normi tal-purità tal-varjetajiet stabbilita fl-Anness II tkun assigurat permezz ta' testijiet xierqa taż-żerriegħa jew permezz ta' mezzi addattati oħra.

▼M14

Fil-każ ta' l-ispeċi *Pisum sativum,* ►M15 *Vicia faba,* ◄ *Brassica napus var. napobrassica, Brassica oleracea convar. acephala* ►M15 ———— ◄►M16 ———— ◄ l-ewwel sentenza biss għandha tkun tapplika.

▼M8

5. ►M40 L-uċuħ tar-raba' għandhom ikunu prattikament ħielsa minn kull pest li jnaqqas l-utilità u l-kwalità taż-żerriegħa.

L-uċuħ tar-raba' għandhom jikkonformaw ukoll mar-rekwiżiti li jikkonċernaw il-pesti ta' kwarantina fl-Unjoni, il-pesti ta' kwarantina f'żona protetta u l-pesti rregolati mhux ta' kwarantina ("RNQPs") previsti fl-atti ta' implimentazzjoni adottati skont ir-Regolament (UE) 2016/2031 [1], u mal-miżuri adottati skont l-Artikolu 30(1) ta' dak ir-Regolament.

Il-preżenza tal-RNQPs fuq il-wiċċ tar-raba' u fuq il-kategoriji rispettivi għandha tkun konformi mar-rekwiżiti li ġejjin kif stabbilit fit-tabella:

RNQPs jew sintomi kkawżati minn RNQPs	Pjanti għat-tħawwil (ġeneru jew speċi)	Limiti stabbiliti għall-produzzjoni taż-żerriegħa prebażika	Limiti stabbiliti għall-produzzjoni taż-żerriegħa bażika	Limiti stabbiliti għall-produzzjoni taż-żerriegħa ċċertifikata
Clavibacter michiganensis ssp. *insidiosus* (McCulloch 1925) Davis *et al.* [CORBIN]	*Medicago sativa* L.	0 %	0 %	0 %
Ditylenchus dipsaci (Kuehn) Filipjev [DITYDI]	*Medicago sativa* L.	0 %	0 %	0 % ◄

▼M29

6. Fil-każ taż-żerriegħa bażika, is-sodisfazzjon tal-livelli stabbiliti jew talkondizzjonijiet l-oħra msemmija hawn fuq għandhom jiġu eżaminati fl-ispezzjonijiet uffiċjali fuq il-post u, fil-każ taż-żerriegħa ċċertifikata jew f'ispezzjonijiet uffiċjali fuq il-post jew fl-ispezzjonijiet imwettqa taħt is-sorveljanza uffiċjali.

[1] Ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE (ĠU L 317, 23.11.2016, p 4).

▼**M8**

Dawn l-ispezzjonijiet fuq is-sit għandhom jitwettqu bi qbil mal-kondizzjonijiet li ġejjin:

A. Il-kondizzjoni u l-istadju tal-iżviliupp ta' l-uċuh tar-raba' għandhom jippermettu eżami adekwat.

B. Għandu jkun hemm minn ta' lanqas spezzjoni waħda fuq is-sit.

C. Il-qies, in-numru u d-distribuzzjoni tal-proporzjonijiet ta' l-għalqa li sejra tkun spezzjonata biex ikun eżaminat is-sodisfazzjon tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Anness, għandhom ikunu stabbiliti bi qbil ma' metodi xierqa.

▼M35

ANNESS II

KUNDIZZJONIJIET LI GĦANDHOM IKUNU SODISFATTI MIŻ-ŻERRIEGĦA

I. ŻERRIEGĦA ĊĊERTIFIKATA

1. Iż-żerriegħa għandu jkollha biżżejjed identità u purità varjetali.

   B'mod partikolari, iż-żrieragħ tal-ispeċijiet elenkati hawn taħt għandhom ikunu konformi man-normi jew mal-kundizzjonijiet l-oħrajn li ġejjin. Il-purità tal-varjetà minima għandha tkun:

   — *Poa pratensis*, varjetajiet imsemmija fit-tieni parti tat-tielet sentenza tal-paragrafu 4 tal-Anness I, *Brassica napus var. napobrassica* u *Brassica oleracea convar. acephala*: 98 %

   — *Pisum sativum, Vicia faba*:

      — żerriegħa ċċertifikata, l-ewwel ġenerazzjoni: 99 %,

      — żerriegħa ċċertifikata, it-tieni ġenerazzjoni: 98 %.

▼M38

   — Trifolium subterraneum, Medicago spp., għajr għal M. lupulina, M.sativa, M. × varia:

      — Għall-produzzjoni ta' żerriegħa bażika: 99,5 %;

      — Għall-produzzjoni taż-żerriegħa ċertifikata għall-multiplikazzjoni ulterjuri: 98 %;

      — Għall-produzzjoni ta' żerriegħa ċertifikata: 95 %.

▼M35

   Il-purità minima varjetali għandha tkun eżaminata l-aktar fl-ispezzjonijiet fil-post magħmula skont il-kundizzjonijiet preskritti fl-Anness I.

2. Iż-żerriegħa għandha tkun konformi mal-istandards li ġejjin jew mal-kundizzjonijiet l-oħrajn f'dak li għandu x'jaqsam it-tfellis, il-purità analitika u l-kontenut taż-żrieragħ tal-ispeċijiet l-oħrajn tal-pjanti, inkluża l-preżenza taż-żerriegħa morra fil-varjetajiet ħelwin ta' *Lupinu*s spp.:

   A. Tabella:

▼M38

Speċi	Inbit		Purità analitika								Kontenut massimu taż-żrieragħ tal-ispeċi tal-pjanti l-oħrajn f'kampjun tal-piż speċifikat fil-kolonna 4 tal-Anness III (total għal kull kolonna)			Kundizzjonijiet fir-rigward tal-kontenut taż-żrieragħ ta' *Lupinus* spp. ta' lewn ieħor u żrieragħ tal-lupina morr
	Inbit minimu (% ta' żerriegħa pura)	Kontenut massimu ta' żerriegħa iebsa (% ta' żerriegħa pura)	Purità analitika minima (% f'piż)	Kontenut massimu ta' żerriegħa tal-ispeċi ta' pjanti oħrajn (% f'piż)							*Avena fatua, Avena sterilis*	*Cuscuta* spp.	*Rumex* spp. għajr għal *Rumex acetosella* u *Rumex maritimus*	
				Totali	Speċi waħda	*Elytrigia repens*	*Alopecurus myosuroides*	*Melilotus* spp.	*Raphanus raphanistrum*	*Sinapis arvensis*				
1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13	14	15
Poaceae (Gramineae)														
Agrostis canina	75 (a)		90	2,0	1,0	0,3	0,3				0	0 (j) (k)	2 (n)	
Agrostis capillaris	75 (a)		90	2,0	1,0	0,3	0,3				0	0 (j) (k)	2 (n)	
Agrostis gigantea	80 (a)		90	2,0	1,0	0,3	0,3				0	0 (j) (k)	2(n)	
Agrostis stolonifera	75 (a)		90	2,0	1,0	0,3	0,3				0	0 (j) (k)	2 (n)	
Alopecurus pratensis	70 (a)		75	2,5	1,0 (f)	0,3	0,3				0	0 (j) (k)	5 (n)	
Arbenatherum elatius	75 (a)		90	3,0	1,0 (f)	0,5	0,3				0 (g)	0 (j) (k)	5 (n)	
